**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Decizjoni Nru. 1714

**Kaz Nru : 2272/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Raymond Lautier**

**u**

**Ir-Razzett tal-Hbiberija**

**Dwar tkeccija mill-impieg**
**Allegata li hi ngusta**

Illum : 5 ta' Settembru, 2006

**Chairman Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).**

**Dan il-kaz gie intavolat fit-22 ta' April 2005 mill-Avukat George Abela, f'isem Raymond Lautier, li ghamel rikors li fih allega li l-Appellanti gie licenzjat ingustament minn ma' l-Entita' Appellata fl'10 ta' Jannar 2005.**

**Raymond Lautier li aktar il-quddiem jissejjah l-appellant, kien assistit mill-Avukat George Abela, waqt li is-Socjeta ntimata deher is-Sur Natan Farrugia assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant jghid li kien jahdem taht kuntratt indefinit ta' impieg mar-Razzett tal-Hbiberija bhala park attendant/maintenance mill 1 ta' Awissu 1996 fuq bazi full-time, izda kien ilu mis-sena 1989 jaghmel xoghol fl-imsemmi Razzett b'inkarigu tal-fundaturi tar-Razzett tal-Hbiberija.

Huwa jkompli jghid, li kien jahdem f'diversi karigi fosthom bhala clerk of works, general assistant/maintenance, park manager, park facilitator/groundsman, general assistant, park c-cordinator, driver, care-worker ghat-tfal b'dizabilita', u dan l-ahhar park attendant/maintenance. Huwa jghid ukoll, illi x-xoghol tal-esponent ta' park attendant/maintenance fil-fatt ghadu qed isir minn impjegat iehor registrat mal-ETC bhala animal welfare officer, li ilu fl-impieg full-time mar-Razzett tal-Hbiberija ghal dawn l-ahhar sentejn biss. Ghaldaqstant, huwa jitlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara illi r-raguni ta' redundancy tieghu ma hix wahda genwina u li konsegwentament it-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Huwa jitlob li jigi reintegrat fl-impieg tieghu mas-socjeta u fid-drittijiet kollha tieghu u jitpogga in status quo ante, jew alternattivament li jinghata kumpens xieraq ghal din it-tkeccija ngusta.

Is-Socjeta intimata da' parti taghha qalet, illi minhabba ragunijiet ta' tnaqqis ta' spejjez, gie deciz illi fil-parti ta' l-operat li fiha kien jahdem l-appellant, ix-xoghol seta' jsir minn bniedem wiehed; huwa minnu illi l-appellant kien impjegat qabel haddiem iehor, izda dan ta' l-ahhar jaghmel xoghol iehor illi l-appellant m'huwiex kapaci li jaghmlu u ghaldaqstant l-impieg ta' l-appellant kellu jigi tterminat.

Is-Socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li ghandu jigi nnotat illi l-appellant konsistentament zamm id-dritt illi jaghmel biss ix-xoghol tieghu u ghalhekk m'ghandux jippretendi illi jigi assenjat xoghol illi qatt ma ghamel biex

jevita l-konsegwenzi tal-cost saving measures li kellhom isiru, mizuri li del resto wasslu biex madwar tmien impjegati jigu affettwati.

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien ilu involut fir-Razzett tal-Hbiberija sa minn qabel ma kien gie impjegat formalment fl-1 ta' Awissu 1996. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant wettaq diversi xogholijiet li kienu jvarjaw kemm klerikali, manwali, amministrattivi kif ukoll kellu l-inkarigu ghat-twaqqif taz-zona ta' l-annimali, l-ghazla u l-kura taghhom u assista diversi drabi il-veterinarji fil-kura ta' l-annimali. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-hajja ta' l-impieg tieghu l-appellant ma kellux twissijiet la verbalment u lanqas bil-miktub, izda mid-dokumenti pprezentati mill-istess appellant jirrizulta li kien hemm differenzi fir-relazzjonijiet bejnhu u l-manager tar-Razzett tal-Hbiberija.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li is-Socjeta kienet ghaddejja minn perjodu hazin finanzjarjament u kien hemm il-bzonn li jittiehdu mizuri sabiex titjieb il-qaghda finanzjarja tas-Socjeta b'rizultat li fost ohrajn waslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta is-Socjeta ghazlet li tittermina l-impieg ta' l-appellant minkejja li kellu servizz ta' xoghol aktar minn haddiehor ma kkunsidratx li l-appellant kien waqqaf iz-zona tal-park fejn jinsabu stazzjonati l-annimali kif ukoll kien kompitenti u kien diga ha hsieb il-kura taghhom.

Wara li it-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatments of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa ix-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cikostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati

**hawn fuq, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li l-management naqas meta fil-process tat-terminazzjoni ta' l-impieg ma kkunsidrax li l–appellant kien wettaq ix-xoghol ta' welfare animal officer u dan kuntrarjament ghal dak li is-Socjeta qalet fl'istqarrija tal-kaz taghha li l-appellant m kienx kapaci li jwettaq dawn id-dmirijiet meta fil-fatt huwa kien wettaqqhom diversi drabi.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li fil-waqt li l-appellant m'ghandux jinghata impieg lura huwa ghandu jigi moghti kumpenss ta' LM 400 (erba mitt lira Maltija), liema kumpenss ghandu jithallas lill-appellant sa nhar il-Gimgha 29 ta' Settembru 2006.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali 48 tal-1986 jstabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' LM40 (erbghin lira Maltin).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Vince Micallef**
**Segretarju**